MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 13/2001/1

**Domenico Savio *sive* Savio SPITERI u Gourmet Company Limited**

**vs**

**AVUKAT ĠENERALI u Mariano Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 t'April, 2001, li fih ir-rikorrenti ippremettew:

Illi fl-ewwel lok, b'sentenza mogħtija fit-12 t'April 1999 fl-ismijiet "Domenico Savio sive Savio Spiteri u Gourmet Company Limited vs Avukat Generali" (Rikors Nru. 659/99 VDG) din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta ċaħdet bħala frivoli u vessatorji t-talbiet imressqa mill-esponent dwar nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-kawża Ċitazzjoni Nru. 127/97 fl-ismijiet "Gourmet Company Limited u Domenico

Savio sive Savio Spiteri vs Mariano Vella" li ġiet deċiża l-għada, 13 t'April 1999 mil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri;

Illi skond il-Kodiċi dwar l-Etika Professjonali applikabbli għall-Avukati, Avukat għandu dritt jirrinunzja għall-patroċinju meta ikun qed iħoss li ma jistax ikompli jaqdi dmiru sewwa li jiddefendi lill-patroċinat tiegħu. L-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, fil-preċitata sentenża tagħha tat-12 t'April 1999, mhux biss ħaditha qatta bla ħabel kontra l-Avukat Malcolm Pace minħabba li għazel li jeżerċita dan id-dritt u prerogativa tiegħu, izda ppenaliżżat lill-esponent wara li dan sab ruħu mingħajr avukat difensur;

Illi inoltre, minn deċiżjoni li biha talba tiġi dikjarata frivola u vessatorja, il-liġi ma tagħtix dritt ta' appell, u għalhekk l-esponent safa mingħajr rimedju apparti mingħajr assistenża legali. Konsegwentement, biċ-ċaħda tar-rikors ta' l-esponent bħala frivolu u vessatorju, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta pprivat lill-esponent mid-dritt ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali;

Illi din is-sentenża tat-12 t'April 1999 mogħtija fil-proċeduri kostituzzjonali gabet fix-xejn u irrendiet kompletament ineffikaċi l-lanjanzi ta' l-esponent dwar l-irregolaritajiet fil-proċeduri tal-kawża Ċitazzjoni Nru. 127/97 deċiża fit-13 t'April 1999 billi, kif intqal, tefgħet il-ħtija kollha fuq l-avukat difensur tiegħu talli rrinunzja għall-patroċinju meta ħass li ma setax ikompli jaqdi dmiru sewwa u b'dan il-mod ippregudikat il-qagħda tal-patroċinat tiegħu, l-esponent;

Illi fl-imsemmija sentenża tat-12 t'April 1999 il-Qorti Ċivili Prim'Awla (Rikors Nru. 659/99) iddikjarat bħal sajjetta fil-bnazzi illi hija kienet konvinta illi l-Avukat Dottor Malcolm Pace (li sal-25 ta' Marzu 1999 kien qed jippatroċina lill-esponent) irrinunzja għall-patroċinju biex ifixkel l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u dan meta din il-kwistjoni qatt ma ġiet dibattuta għaliex qatt ma kienet issemmiet la mill-partijiet jew id-difensuri u lanqas mill-Qorti stess, u allura la kienu tressqu provi fuqha u lanqas kienu saru

sottomissjonijiet dwarha – proprju għaliex qatt ma kienet tifforma l-meritu tat-talbiet ta' l-esponent. Għalhekk ġara illi l-esponent ġie ppregudikat billi kellu jbati l-konsegwenzi ta' xi ħaga li kienet barra mill-kontroll tiegħu;

Illi fit-**tieni lok**, b'sentenża mogħtija fil-31 ta' Mejju 2000 fl-ismijiet "Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri vs Mariano Vella" (Ċitazzjoni Nru. 127/97) l-Onorabbli Qorti tal-Appell, wara li rriferiet għas-sentenża fuq ċitata tal-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fit-12 t'April 1999 u osservat illi minnha ma kien sar l-ebda appell u allura kenet għaddiet in gudikat u illi "dik is-sentenża kienet allura l-aħħar kelma fuq l-allegazzjoni ta' l-appellanti li huma ma kienux ingħataw smiegħ xieraq mill-ewwel Qorti", ċaħdet l-aggravju ta' l-esponent rigward irregolaritajiet fis-smiegħ tal-kawża, u ordnat li l-appell ikompli jinstema' fil-meritu;

Illi b'dan il-mod, l-esponent ġie effettivament imċaħħad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell mid-dritt għal rimedju sħiħ f'sede ta' appell. Minkejja illi l-esponent appella tempestivament mis-sentenza mogħtija fil-prim'istanza fil-kawża Ċitazzjoni Nru. 127/97 kemm dwar irregolaritajiet fil-proċeduri kif ukoll dwar il-meritu, dak li ġie deċiż u l-mod kif ġie deċiż iġib fix-xejn u jirrendi kompletament ineffikaċi l-appell magħmul minnu rigward l-irregolaritajiet fil-proċeduri li wasslu sas-sentenza fil-prim'istanza. Dan ġara avolja l-kawża ċivili u r-rikors kostituzzjonali jitmexxew indipendentement minn xulxin;

Illi għalkemm l-esponent huwa arċikonvint illi dak kollu li ġara ma sarx intenzjonatament sabiex huwa jiġi mċaħħad mid-drittijiet tiegħu, **l-effett finali ta' dawn id-deċizjonijiet kien li jipprivah (a) mid-dritt għal 'doppio esame', (b) mid-dritt għall-assistenza ta' avukat u li jsib avukat ieħor fil-25 ta' Marzu 1999, l-aħħar seduta qabel is-sentenza, (c) mid-dritt li jikkontroezamina lix-xhieda mressqa mill-kontroparti fl-aħħar seduta qabel is-setnenza (cioe' Dr. Carmelo Galea LL.D. u Dr. Alfred Grech LL.D.), u (d) illi jagħmel is-sottomissjonijiet finali tiegħu u (e) mid-dritt għal rimedju effettiv,** u dan meta huwa qed jipprova jiddefendi

l-posizzjoni li kien spiċċa fiha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri meta, minħabba antagoniżmu u inċidenti bejn il-Maġistrat sedenti u l-esponent, l-Avukat Dottor Malcolm Pace irrinunzja għall-patroċinju u l-esponent safa mingħajr avukat difensur u l-kawża tħalliet għas-sentenza mingħajr ma l-esponent seta' jittratta l-kawża għaliex huwa ma jafx jaqra u jikteb;

Illi l-esponent ressaq il-lanjanzi tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Application No. PM 16854 SPITERI v. MALTA), iżda l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrifjutat li tissoprassjedi sakemm ikun hemm deċiżjoni mill-Qorti Ewropea u ordnat li l-appel jiġi ttattat fil-meritu;

Illi skond il-gurisprudenza in materja, il-Qorti għandha tħares lejn l-assjem tal-proċeduri biex tara jekk kienx hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq. Iżda fil-każ prezenti, aktar ma wieħed iħares lejn l-assjem tal-proċeduri, aktar wieħed jirrealiżża kemm kien hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq u l-esponent sab ruħu mingħajr l-assistenza ta' avukat difensur, mingħajr l-opportunita' li jagħmel kontroezami liż-żewġ xhieda li tressqu kontra tiegħu fl-aħħar seduta tal-25 ta' Marzu 1999, mingħajr l-opportunita' li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Qorti, mingħajr 'doppio esame' li kien intitolat għalih u mingħajr rimedju effettiv wara li huwa ġie mnezza' minn dawn id-drittijiet;

Illi similment l-esponent ġie pregudikat f'żewġ kawżi oħra Ċitazzjoni Nru. 246/96 fl-ismijiet "Mariano Vella vs Gourmet Company Limited" u Ċitazzjoni Nru. 234/97 fl-ismijiet "Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri vs Nutar Dottor Paul George Pisani, Nutar Dottor John Busuttil, Dottor Alfred Grech, Anthony Vella u Mariano Vella", deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fit-13 ta' April 1999 peress illi t-tliet kawżi dejjem ġew ittrattati kontestwalment. Fil-każ ta' dawn iż-żewġ kawżi, l-esponent ġie inoltre mċaħħad mid-dritt li jissokta bil-provi tiegħu;

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dawk ir-rimedji kollha neċessarji, tagħmel dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali ta' l-esponent jiġu protetti, billi tiddikjara li kien hemm leżjonijiet tad-dritt għal smigħ xieraq kif garantit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 u li hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 13 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 li jiggarantixxi rimedju effettiv;

Rat id-Degriet tat-23 t'April, 2001, li bih din il-Qorti (diversament presjeduta) astjeniet milli tqis ir-Rikors għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Rat in-Nota ta' Surroga mressqa mir-Reġistratur tal-Qrati fil-25 t'April, 2001;

Rat id-Degriet tagħha tas-26 t'April, 2001, li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ għat-3 ta' Mejju, 2001;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Mariano Vella fit-2 ta' Mejju, 2001[1], li biha issottometta:

Illi fl-ewwel lok, huwa sottomess illi l-esponenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti stante illi huwa qatt ma aġixxa b'xi mod u manjiera illi jista' b'xi mod jiġi interpretat illi b'xi mod qiegħed iċaħħad lir-rikorrenti minn xi dritt fondamentali tiegħu, u għalhekk l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanża tal-gudizzju fil-konfront tar-rikorrenti. Infatti anke mill-esposizzjoni tal-fatti magħmula mill-istess rikorrenti jirriżulta illi dawn l-istess rikorrenti qed jindirizzaw il-lanjanzi tagħhom kontra l-aġir tal-Qorti (sia pure' dawn il-lanjanzi huma kollha infondati legalment u fattwalment) u mhux ukoll l-aġir tal-esponenti illi ddaħħal bħala intimat f'din il-kawża unikament bħala vessazzjoni ulterjuri da parti tal-istess rikorrenti. Tant huwa hekk illi l-esponenti lanqas biss kien involut bħala parti fil-maggjor parti tad-diversi proċeduri gudizzjarji, inkluzi rikors kostituzzjonali, illi minnhom qed jilmentaw ir-

[1] Paġġ. 13-5 tal-proċess

rikorrenti odjerni, (senjatament is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-12 t'April 1999), u għalhekk huwa inimaginabbli kif l-esponenti jista' xi darba jitqies illi huwa illeda xi drittijiet fondmentali tar-rikorrenti;

Illi mingħajr pregudizzju għall-premess, dan ir-rikors huwa totalment infondat fid-dritt u fil-fatt u huwa interament frivolu u vessatorju, u dan għar-raġunijiet segwenti:

l-atti tal-kawżi ċitati mir-rikorrenti fir-rikors promotur juru illi minflok milli, kif qed jiġi allegat, huma ġew imċaħħda mid-drittijiet fondamentali tagħhom minn xi Qorti, sia dik tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, kemm dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll dik tal-Appell, dawn il-Qrati kienu minn dejjem ferm permissivi fil-konfront tagħhom u tal-avukati li minn żmien għal żmien kienu jippatroċinawhom (għaliex ir-rikorrenti kellhom sensiela sħiħa ta' avukati li kienu jippatroċinawhom) u minn dejjem mielu lura sabiex jassiguraw illi r-rikorrenti b'ebda mod u manjiera ma jiġu b'xi mod pregudikati. Minħabba din il-ħniena da parti tal-Qrati fil-konfront tar-rikorrenti ġie pregudikat biss l-esponenti, illi pero' dejjem żamm f'qalbu fiduċja għamja illi fl-aħħar mill-aħħar il-ġustizzja sejra tirbaħ u illi r-rikorrenti odjerni ma kienux finalment ser jirnexxilhom fit-tentattivi sfrenati u spregudikati tagħhom illi jistultifikaw il-gustizzja;

Kif tajjeb qalu l-Qrati fid-diversi okkazzjonijiet illi huma ġew aditi mill-istess rikorrenti fis-sensiela interminabbli tagħhom ta' rikorsi kostituzzjonali, il-liġi tal-proċedura u d-drittijiet fondamentali qegħdin hemm sabiex jassiguraw smiegħ xieraq lil kull min jadihom b'ilment gustifikat, iżda mhumiex qegħdin hemm sabiex jippermettu lil min irid iżebbalah lill-Qrati u lill-gudikanti ta' pajjiżna jirnexxilu fl-iskop tiegħu. U lanqas qegħdin hemm sabiex jippermettu lil parti f'xi kawża quddiem il-Qrati li tiddetta hija l-mod kif titmexxa l-kawża, il-ħeffa u/jew id-dewmien illi għandhom jimxu bih il-kawżi quddiem il-Qrati tagħna. Lanqas qegħdin hemm sabiex iservu ta' mezz li bih min ikun irid jistultifika il-proċeduri quddiem il-Qrati jirnexxilu jilħaq l-għan tiegħu. Huwa appuntu dak illi jridu jottjenu ir-rikorrenti odjerni bis-sensiela interminabbli ta' rikorsi frivoli u vessatorji quddiem id-diversi Qrati ta' pajjiżna;

Jekk ir-rikorrenti ġew b'xi mod ipprivati mid-dritt tal-kontro eżami tax-xhieda mismugħa fid-diversi kawżi li fihom huma kienu parti, jekk huma b'xi mod ġew imċaħħda mid-dritt għal doppju eżami, jew mid-dritt għall-assistenza ta' avukat, dan kollu huwa dovut għall-aġir intenzjonalment adottat minnhom illi mill-bidu nett bdew jistultifikaw il-proċeduri gudizzjarji, jirrifjutaw illi jipproduċu x-xhieda tagħhom, jottemporaw ruħhom mad-degrieti illi l-Qorti kienet, korrettement u legalment, tagħti min żmien għal żmien intizi sabiex imexxu 'il quddiem il-kawżi quddiemha, u generalment ma jagħmlu xejn għajr jitfgħu allegazzjonijiet maħmuga u indenji kontra kull min - gudikant jew le - kellu l-isfortuna illi b'xi mod jkun involut fi proċeduri li fihom kienu involuti l-istess rikorrenti;

Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri tat opportunitajiet ampji u ripetuti li r-rikorrenti illi jeżawrixxu l-provi tagħhom, iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom u b'mod generali jressqu l-każ tagħhom u jiddefenduh b'kull mezz legalment mogħti lilhom mil-liġi. Dan huma kontinwament u kostantament irrifjutaw li jagħmluh. Issa ma jistgħu jitfgħu ħtija fuq ħadd ħlief fuqhom infushom;

L-aġir ta' Dr. Malcom Pace, imbagħad, kien imur sostanzjalment oltre l-aġir professjonalment u etikament permissibbli lil avukat da parti Dr. Pace irrinunzja għall-patroċinju tar-rikorrenti unikament sabiex jipprova jistultifika l-proċeduri quddiem il-Qorti. Tant illi huwa baqa' jippatroċina lill-istess rikorrenti fi proċeduri oħra sallum stess, u anke dakinhar stess illi huwa irrinunzja għall-patroċinju, huwa baqa' prezenti fl-awla, jsegwi attentament dak kollu illi kien qed jizvolġi, sabiex jassigura illi r-rikorrenti b'ebda mod ma jiġu pregudikati;

Għaldaqstant, għar-ragunijiet fuq premessi, u għal dawk kollha illi ser jirriżultaw fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. L-esponenti jissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara ir-rikors promotur bħala wieħed frivolu u vessatorju u fi kwalunkwe każ tiċħad it-talbiet kolllha tar-rikorrenti bħala totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

Issottometta għaldaqstant li din il-Qorti għandha tiddikjara r-rikors promotur bħala wieħed frivolu u vessatorju u, fi kwalunkwe każ, tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bħala totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-3 ta' Mejju, 2001, u b'mod partikolari dik il-parti fejn l-avukati tal-partijiet ittrattaw dwar jekk l-intimat Mariano Vella kienx kontradittur leġittimu tal-ilmenti tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-4 ta' Mejju, 2001[2], li biha issottometta:

1. Illi l-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti kienux sofrew leżjoni tad-drittijiet tagħhom fis-smiegħ tal-kawża quddiem il-Qorti ta' Għawdex (Superjuri) Ċitazzjoni Numru 127/97 ġiet diġa deċiża minn din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha tar-Rikors Numru 659/99 VDG tat-12 t'April 1999. Huwa ċar illi wieħed ma jistax jerga jadixxi lili-Qorti biex jitlob illi dik il-kwistjoni terġa tiġi diskussa. Jekk ir-rikorrenti għamlu talba lill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar din il-kwistjoni id-deċiżjoni dwar dik it-talba tispetta lil dik il-Qorti pero' dan ma jeradikax ritrattazzjoni tal-kawża fil-Qorti Maltija;

2. Illi in kwantu titlob illi jerggħu jiġu diskussi punti li dwarhom din il-Qorti diġa ippronunċjat ruħha fis-sens illi t-tqanqil tagħhom kien frivolu u vessatorju din l-azzjoni tmur espressament kontra dak li jiddisponu l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u għalhekk l-azzjoni m'hux tali hija nieqsa minn fondament guridiku iżda talli tmur espressament kontra l-liġi;

3. Subordinatament u mingħajr pregudizzju għall-premess, l-apprezzament li għamlu l-Qrati fis-sentenzi illi r-rikorrenti qegħdin ifittxu illi jimpunjaw kien wieħed ġust li ma jimmerita ebda ċensura. *Inter alia*, huwa rilevanti l-fatt illi dak li minnu qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti, u ċioe l-allegat telf ta' diversi drittijiet proċesswali, huwa, jekk

[2] Paġ. 18 tal-proċess

verament seħħ (għax anke hawn il-fatti juru li r-rikorrenti fittxew l-inċidenti bħala parti minn strateġija proċesswali abbuziva), attribwibbli lilhom stess;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-22 ta' Mejju, 2001, u b'mod partikolari dik il-parti fejn ir-rikorrenti taħbu li t-Tweġiba tal-intimat Avukat Ġenerali titneħħa mill-atti tar-Rikors billi mdaħħla wara ż-żmien;

Semgħet it-trattazzjoni dwar l-imsemmi episodju mqanqal mir-rikorrenti;

Rat id-diġriet tagħha kamerali tad-19 ta' Ġunju, 2001[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti biex it-Tweġiba tal-intimat Avukat Ġenerali titneħħa mill-atti;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2001, li bih ordnat li l-atti tar-Rikors Kostituzzjonali 695/99, maqtugħ fit-12 t' April, 1999, jiġu mehmuża mal-atti ta' dan ir-Rikors;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mir-rikorrenti waqt is-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2001, dwar il-provi li kellhom f'moħħhom iressqu f'dawn il-proċeduri;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-11 ta' Diċembru, 2001, tas-16 ta' Jannar, 2002, u tat-13 ta' Marzu, 2002, fejn jirriżulta li r-rikorrenti ma ressqu xejn mill-provi li kienu semmew fin-Nota spjegattiva tagħhom fuq imsemmija, imma, minflok, ressqu Nota ta' Osservazzjonijiet[4] dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali;

Rat id-Degriet tagħha tat-18 t'April, 2002, li bih tat żmien lill-intimat Avukat Ġenerali żmien biex iressaq Nota ta' Tweġiba għal dik imressqa mir-rikorrenti;

Rat illi l-intimat Avukat Ġenerali naqas li jressaq Nota ta' Tweġiba;

---

[3] Paġġ. 48 sa 50 tal-proċess
[4] Paġġ. 57-9 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm u fit-tul tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija ewwel eċċezzjoni tal-intimat;

Rat l-atti kollha tar-rikors, magħduda dawk mehmużin miegħu;

Rat id-Degrieti tagħha tat-23 ta' Mejju, 2002, u tas-17 t'Ottubru, 2002, li bihom ħalliet ir-rikors għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi qabel xejn għandu jingħad li għalkemm sa mill-bidu nett qiegħed jintwera li hemm żewġ rikorrenti - Domenico Savio Spiteri u Gourmet Company Limited - fir-rikors promotur kull darba tintuża l-kelma "rikorrent", daqslikieku kien hemm rikorrent wieħed. Minkejja dan, din il-Qorti qegħda tqis li r-rikors qiegħed effettivament jitressaq minn żewġ rikorrenti li għandhom l-istess interess fl-eżitu ta' din il-proċedura, u dan ukoll fid-dawl tal-fatt li fiż-żewġ proċedimenti ġudizzjarji li dwarhom qegħdin iressqu lment, kienu t-tnejn involuti bħala parti. 'Il quddiem f'din is-sentenza, għalhekk, il-Qorti sejra tqis l-ilment taż-żewġ rikorrenti flimkien;

Illi r-rikorrenti ressqu din il-proċedura għaliex qegħdin jilmentaw li l-jedd tagħhom għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv ma ġewx imħarsin f'xi proċeduri quddiem il-Qrati Maltin li kienu involuti fihom. Huma jsemmu li <u>f'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-setgħa tagħha Kostituzzjonali</u> fit-12 t'April, 1999, huma ġew imċaħħda mill-jedd ta' appell, wara li l-Qorti qieset ir-rikors tagħhom bħala wieħed fieragħ fuq il-bażi li iċċensurat l-imġiba tal-avukat difensur tagħhom. Huma jsemmu wkoll li <u>b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell</u> fil-31 ta' Mejju, 2000, fl-atti tal-kawża li minnha - minħabba l-episodju tar-rinunzja tal-patroċinju li kien seħħ matulha - kien tressaq ir-rikors kostituzzjonali maqtugħ bil-mod li ngħad fit-12 t'April, 1999, u li ċaħdet l-aggravju tar-rikorrenti tal-lum (atturi u appellanti f'dawk il-proċeduri)

dwar nuqqas ta’ smigħ xieraq, huma ġew ukoll imċaħħdin minn smigħ xieraq konsistenti f’telfien tad-“dritt għal rimedju sħiħ f’sede ta’ appell”;

Illi r-rikorrenti qegħdin jgħidu li, filwaqt li fl-ewwel proċeduri (dawk ta’ natura kostituzzjonali) huma tqiesu li mxew b’mod vessatorju **minħabba l-imġiba ċensurata tal-avukat tagħhom** (allura terza persuna għalihom) u b’hekk ġew imċaħħda minn jedd ta’ appell[5], fit-tieni proċeduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell huma jgħidu li reġgħu ġew imċaħħdin minn smigħ xieraq u sħiħ għaliex dik il-Qorti rabtet il-konklużjonijiet tagħha ma’ dawk tas-sentenza dwar ir-rikors kostituzzjonali.  B’dan il-mod, ir-rikorrenti jqisu li ngħatatilhom bażi fuq liema jsejsu **din** il-proċedura tal-lum billi effettivament ġew (a) imċaħħdin mill-benefiċċju tal-“eżami doppju”, (b) imċaħħdin mill-jedd li jkunu mgħejjuna minn avukat tal-fiduċja tagħhom f’kull waqt tal-kawża; (ċ) imċaħħdin mill-jedd li jagħmlu l-kontro-eżami f’ħinu dwar xhieda li tressqet mill-parti l-oħra fl-aħħar smigħ qabel ma l-kawża tħalliet għas-sentenza; (d) imċaħħdin mill-jedd li jressqu sottomissjonijiet u (e) mċaħħdin ukoll mill-jedd għal rimedju effettiv;

Illi għal dawn l-ilmenti, l-intimat Avukat Ġenerali jilqa’ billi jgħid li dwarhom diġa’ ngħatat deċiżjoni li ma tistax terġa’ tiġi diskussa u mgħarbla, billi m’huwiex mogħti jedd għal ritrattazzjoni minn deċiżjonijiet dwar ilmenti kostituzzjonali li jkunu saru ġudikat jew li jkunu tqiesu bħala talbiet frivoli jew vessatorji .  Huwa jżid jgħid ukoll li, ladarba r-rikorrenti nfushom semmew li fetħu proċeduri quddiem il-Qorti Ewropeja dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem, hija dik il-Qorti, u mhux Qorti Maltija, li issa trid tqis is-siwi tal-ilmenti tagħhom.  Huwa jwarrab ukoll l-argumenti tar-rikorrenti dwar xi jedd fondamentali għal smigħ jew “eżami doppju” u wkoll li titwettaq xi inġustizzja li tikser smigħ xieraq jekk qorti tirrifjuta li tissoprasjedi sakemm tinqata’ sentenza oħra konnessa;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li l-ilmenti li jsejsu r-rikors li din il-Qorti għandha quddiemha llum iduru kollha

[5] Ara art. 46(5) tal-Kostituzzjoni

mal-ġrajja li seħħet waqt is-smigħ tal-25 ta' Marzu, 1999, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili, fl-atti ta' kawża[6] li r-rikorrenti tal-lum ressqu fl-1997 kontra l-intimat Mariano Vella. Id-deskrizzjoni grafika ta' dak li ġara dak inhar, kif verbalizżata fl-atti ta' dik il-kawża[7], joħolqu l-"aspetti fattwali" li minnhom titnissel is-sensiela kollha ta' lmenti li r-rikorrenti ressqu f'dawn l-atti u li ssemmew iżjed 'il fuq. Lil hinn minn dawk l-"aspetti fattwali" l-punt li jrid jiġi studjat huwa wieħed għal kollox legali u tejoretiku;

Illi fl-apprezzament tal-fatti mwettqa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-12 t'April, 1999[8], fl-atti tal-kawża kostituzzjonali numru 695/99VDG, joħroġ sewwa li dik il-Qorti ma rabtitx il-fehmiet tagħha <u>biss</u> mal-ġrajja li seħħet waqt is-smigħ tal-25 ta' Marzu, 1999. Għall-kuntrarju, qieset l-imġiba tar-rikorrenti matul il-medda kollha tat-tliet kawżi li kienu qegħdin jinstemgħu, sakemm ressqu f'kull waħda minnhom talba b'rikors biex jitolbu li l-ġudikant ma jibqax jisma' l-kawżi, u kif minn hemm 'il quddiem injoraw l-ordnijiet ta' dik il-Qorti dwar kif kellhom jitmexxew il-kawżi u, minflok, reġgħu ressqu talba oħra biex is-smigħ tagħhom isir quddiem ġudikant ieħor;

Illi dwar dak li iddeċidiet il-Qorti tal-Appell fil-provvediment *in parte* tal-31 ta' Mejju, 2000, fl-atti tal-kawża numru 127/97[9], jirriżulta li tali provvediment ingħata fuq aggravju mressaq mir-rikorrenti preżenti (l-atturi appellanti f'dik il-kawża) f'Rikors tal-Appell mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ewwel Grad. Jirriżulta wkoll li l-Qorti tal-Appell, dwar l-ewwel aggravju tal-appellanti, qieset <u>ukoll</u> dak li kienet ikkunsidrat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha dwar il-verbal tas-smigħ tal-25 ta' Marzu, 1999;

Illi jirriżulta wkoll li r-rikorrenti <u>jibnu l-azzjoni kollha</u> tagħhom dwar l-ilmenti ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq u

---

[6] Ċitazz. Nru. 127/97MM (li magħha kienu qegħdin jinstemgħu wkoll żewġ kawżi oħrajn li jinvolvu lill-istess partijiet, jiġifieri Ċitazz. Nru. 246/96MM u Ċitazz. Nru. 234/97MM)

[7] Ara l-kopja tal-verbal relattiv f'paġġ. 21-2 tal-atti tar-Rikors Kostituzzjonali 695/99VDG mehmuża ma' dan il-proċess; u kif ukoll iż-żewġ verbali l-oħrajn tal-kawżi li kienu qegħdin jinstemgħu magħha f'paġġ. 19-20 u 23-4 tal-proċess Kost. 695/99VDG

[8] Ara paġġ. 23 sa 30 tal-proċess, partikolarment paragrafi 2, 4 u 6 tagħha

[9] Ingħatat sentenza li ddisponiet mill-mertu tal-appell fid-19 ta' Novembru, 2001

rimedju effettiv fuq dawn iż-żewġ deċiżjonijiet biss. Fi kliem ieħor, jidher li huma qegħdin jgħidu li l-ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom seħħew bl-imsemmija żewġ deċiżjonijiet. Huma jiddikjaraw ukoll li jinsabu tal-fehma sħiħa ("arċikonvint" hija l-kelma wżata minnhom fir-rikors promotur) li dak li sar ma kienx intenzjonat biex jiċċaħdu mill-jeddijiet tagħhom;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali li jolqtu l-każ tal-lum, jeħtieġ jitqies aspett ewlieni, u jiġifieri jekk l-azzjoni tar-rikorrenti hijiex talba għal smigħ mill-ġdid (ritrattazzjoni) ta' proċeduri ta' natura kostituzzjonali li ntemmu u ngħalqu, jekk hix xi għamla ta' appell, jew jekk din tmurx lil hinn minn hekk. Biex jintwieġeb dan l-aspett, irid jirriżulta li l-provvedimenti li dwarhom tressaq l-ilment ikunu saru ġudikat. L-intimat Avukat Ġenerali, fl-eċċezzjoni tiegħu taħt eżami, jisħaq li ma tista' titqanqal l-ebda proċedura li biha l-fehma tal-Qorti li rikors għal rimedju ta' natura kostituzzjonali jitqies fieragħ tista' tiġi attakkata jew appellata. Dan tipprovdih l-ogħla liġi tal-pajjiż u japplika wkoll jekk, minħabba fehma bħal dik, persuna tista' tħoss li ġarrbet dak li tħoss li huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Illi l-argument ta' kemm jista' jsir smigħ mill-ġdid ta' kwestjoni ta' natura kostituzzjonali ġiet deċiża mill-Qrati tagħna. Għalkemm kien hemm xi okkażjonijiet fejn il-Qrati dehru li kienu mħajrin jaċċettaw ritrattazzjoni ta' deċiżjonijiet kostituzzjonali, jidher li llum il-linja l-iżjed milqugħa u segwita mill-ogħla Qrati Maltin hi fis-sens li dak l-istitut ta' natura eċċezzjonali fid-Dritt Proċedurali Malti ma kienx jista' jestendi għal proċeduri meħudin għal rimedju dwar allegat ksur ta' jedd fondamentali maħsub taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta[10]. Dan il-prinċipju jgħodd iżjed meta t-talba għal ritrattazzjoni tkun tirrigwarda allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali dwar nuqqas ta' smigħ xieraq marbut ma' talba għal

[10] Ara App. Kost. **28.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Stoner et vs Onor. Prim Ministru et*** (Mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

rikuża tal-ġudikant f'kawża[11] li tkun tidher li saret biss jew prinċipalment biex ittawwal il-mixi 'l quddiem ta' dik il-kawża partikolari;

Illi, b'żieda ma' dan, jingħad li fil-proċediment li sar quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sedi kostituzzjonali tagħha, ma jirriżulta minn imkien li r-rikorrenti tqegħdu f'sitwazzjoni tali li, meta wieħed iħares lejn it-totalita' ta' dawk il-proċedimenti, kellhom xi żvantaġġ ritwali jew sostantiv fil-konfront tal-parti l-oħra. Ir-rikorrenti kienu debitament rappreżentati u mgħejjuna minn avukat f'kull waqt ta' dawk il-proċeduri, ressqu l-atti kollha li dehrilhom, ingħataw iż-żmien kollu li kienu jeħtieġu biex iressqu l-ilmenti tagħhom, u, in ġenerali, ġew imħarsin il-prinċipji ewlenin ta' ħaqq naturali magħrufa[12]. Il-proċediment quddiem dik il-Qorti jrid jitqies sa dak il-waqt li ngħatat is-sentenza. Jekk, b'effett tas-sentenza li ngħatat (jiġifieri dik li waslet għall-fehma li r-rikors kien wieħed fieragħ u vessatorju għall-finijiet tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Kap 319), lir-rikorrenti ngħalqilhom il-bieb li setgħu jappellaw minn dik is-sentenza, dan bl-ebda mod ma jfisser li dawk il-proċeduri kienu vizzjati jew li kellhom smigħ mhux xieraq jew monk;

Illi parti mill-ilment tar-rikorrenti huwa marbut mal-fatt li l-Kostituzzjoni tipprovdi li, meta deċiżjoni tqis li talba jew it-tqanqil ta' xi kwestjoni (kostituzzjonali) tkun sempliċement frivola jew vessatorja, ma jingħata lill-parti ebda jedd ta' appell minn deċiżjoni bħal dik. Fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami, dan ifisser li r-rikorrenti donnhom qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat li dik il-parti tal-Kostituzzjoni tikser il-jedd fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq. Imma dan ifisser ukoll li jridu dikjarazzjoni li dik il-parti tal-Kostituzzjoni hija kontra l-Kostituzzjoni. Fil-fehma meqjusa tal-Qorti, talba bħal din mhix ammissibbli. Jekk, min-naħa l-oħra r-rikorrenti jridu li din il-Qorti terġa' tistħarreġ jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) messhiex iddeċidiet li t-talba tagħhom

---

[11] Ara Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.263,** a fol. **278** ***et seq***) u l-għadd ta'sentenzi hemm imsemmija dwar din il-kwestjoni

[12] Ara Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***St. Paul's Court Limited vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez.Vol: **LXXXIV.i.486**)

kienet tassew waħda fiergħa jew biex iddejjaq, dan ikun ifisser li din il-Qorti tkun qegħda tintalab tidħol fl-ambitu tad-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti u tisma' l-każ mill-ġdid;

Illi eżerċizzju bħal dan fil-kuntest ta' deċiżjoni li tqis talba għal rimedju kostituzzjonali bħala waħda fiergħa jew biex iddejjaq mhux lakemm jista' jsir faċilment. Apparti li r-regola li ma jeżistix appell minn deċiżjoni bħal dik hija waħda li ngħatat mill-Qrati tagħna tifsira u applikazzjoni litterali u kważi assoluta[13], iċ-ċirkostanzi fejn Qorti tat-tieni grad tista' tikkunsidra jekk hux tassew li t-talba kienet waħda fiergħa jew/u li ddejjaq huma tassew limitati. Biex dan jista' jsir, irid ikun hemm ċirkostanzi serji u gravi li jolqtu drittijiet u libertajiet fondamentali[14]. Dan lanqas ma jfisser li l-fatt waħdu li Qorti tkun qieset fit-tul u fil-qofol il-materja milquta mit-talba u mbagħad tiddikjara dik it-talba bħala waħda fiergħa jew li ddejjaq iġib dik is-sentenza bħala waħda kontradittorja jew awtomatikament sindakabbli minn qorti tat-tieni grad[15];

Illi jidher għalhekk li r-rikorrenti, ladarba ħassew li d-dikjarazzjoni magħmula fis-sentenza tat-12 t'April, 1999, kisritilhom xi jedd fondamentali għas-smigħ xieraq, kellhom il-possibilita' li jintavolaw appell minnha fil-parametri preċiżi mfissrin hawn fuq. Dak li qegħdin jagħmlu llum huwa li jitolbu lil din il-Qorti (tal-"ewwel istanza") biex terġa' tistħarreġ id-diskrezzjoni tal-Qorti fl-imsemmija sentenza. Dan ukoll, għar-raġunijiet fuq imsemmija, ma jidhirx ammissibbli fil-liġi;

Illi, għar-rigward tal-ilment imressaq dwar il-provvediment *in parte* tal-Qorti tal-Appell, dan jintrabat sfiq ma' dak li ngħad dwar is-sentenza tat-12 t'April, 1999. Ir-rikorrenti donnhom jesprimu sorpriża li fl-imsemmi provvediment l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrilevat li mis-sentenza tat-12 t'April, 1999, ma kienx sar appell. Ma setax kien mod ieħor, għaliex dak li ddeċidiet il-Qorti bis-sentenza tat-12

---

[13] Ara, per eżempju, Kost. **13.8.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.290**) u Kost. **18.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez.. Vol: **LXXVIII.i.71**)

[14] Ara Kost. **10.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.126**)

[15] Ara Kost. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Reġistratur tal-Qorti et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.4**)

t'April, 1999, kien jinċidi sewwasew fuq il-lanjanza jew aggravju li r-rikorrenti ressqu bħala parti mill-appell tagħhom fil-mertu. Minbarra dan, kif jidher ukoll mid-deliberazzjonijiet fl-imsemmi provvediment, dik kienet waħda mill-konsiderazzjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Appell biex waslet għad-deċiżjoni tagħha;

Illi din il-Qorti, wara li qieset b'reqqa l-fatti li jirriżultaw u kif ukoll dak kollu li l-partijiet kellhom x'jgħidulha, tasal biex ikollha ssib li l-eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali għandha mis-sewwa u jistħoqqilha tintlaqa'. Dan jingħad għaliex, għal dak li jirrigwarda l-ilment dwar dak li seħħ fl-atti tas-sentenza tat-12 t'April, 1999, it-talbiet tal-lum m'humiex għajr stedina biex din il-Qorti terġa' titstħarreġ mill-ġdid is-siwi tar-raġunament ta' dik il-Qorti. Kif ingħad, dan mhuwiex permess li jsir minn din il-Qorti. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-ilmenti mis-sentenza *in parte* mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2000, il-proċedura tal-lum m'hijiex dik li messha ttieħdet, jekk l-ilmenti tar-rikorrenti setgħu (u messhom) tressqu bi proċedura oħra disponibbli għar-rikorrenti;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li ladarba l-eċċezzjoni taħt eżami toħloq stat fil-konfront tal-eċċipjenti li qanqalha, iżjed u iżjed għandha toħloq stat ukoll favur l-intimat l-ieħor Mariano Vella. Dan għaliex, fi kliem id-difensur tar-rikorrenti[16], l-preżenza tiegħu fl-atti ta' dan ir-Rikors "hija meħtieġa għar-raġunijiet biss ta' integrita' ta' ġudizzju" ladarba "r-rikorrenti m'humiex qed jidentifikaw bħala l-awtur tal-ilmenti tagħhom f'dan ir-rikors lill-istess Mariano Vella";

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat Avukat Ġenerali, u tiddikjara li r-rikors promotur iqanqal kwestjoni li hija fiergħa billi m'huwiex mogħti li xiħadd jitlob minn din il-Qorti deċiżjoni dwar kwestjoni ta' allegat ksur ta' drittijiet u libertajiet fondamentali li diġa' għaddiet f'ġudikat b'sentenza ta' Qorti kompetenti;

---

[16] Ara verbal tas-smigħ tat-3.5.2001, f'paġġ. 16-7 tal-proċess

**Tieqaf milli tqis** iżjed it-talbiet tar-rikorrenti; u

**Teħles lill-intimati** milli jibqgħu iżjed f'din il-kawża, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------